KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 333**

**It-Tnejn 20 ta' Frar, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**333.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

333.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**333.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

333.2.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 330 u taż-żewġ laqgħat imsejjħa b'urġenza numru 331 u 332, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**333.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

333.3.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali rċieva talba mis-Siġġiewi Brass Band and Social Club (Festival), għall-għoti ta' *no objection* mill-Kunsill Lokali biex nhar l-Għid il-Kbir, il-Ħadd 16 t'April 2017, fl-4.00 p.m., isir marċ madwar it-toroq tas-Siġġiewi bi statwa ġdida ta' Kristu Rxoxt.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jagħti n-*no objection* kif mitluba mill-imsemmija għaqda.

333.3.2 Is-Sindku qal li huwa kien kiteb lill-Ministru Micheal Farrugia hekk kif maqbul fis-seduta ta' qabel, dwar l-inkwiet tar-residenti dwar il-bini ta' kumpless kbir mill-Awtorità ta' Djar fiz-zona ta' Triq it-Tabib Nikol Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dun Manwel Zammit. Is-Sindku qal li l-Ministru Farrugia baqa' ma ta l-ebda appuntament. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jerġa' jikteb lill-Ministru biex issir laqgħa miegħu dwar dan is-suġġett.

**333.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

333.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**333.5 Traffiku fi Triq it-Tabib Nikol Zammit u fi Triq Blat il-Qamar**

333.5.1 Is-Sindku qal li kienet inġibditlu l-attenzjoni għas-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq it-Tabib Nikol Zammit u Triq Blat il-Qamar. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-ispazju għall-parkeġġ li hemm fil-parti ta' Triq it-Tabib Nikol Zammit li tmiss ma' Triq il-Wied m'għandux jitneħħa minħabba problema kbira ta' parkeġġ li għandhom ir-residenti li joqgħodu f'din l-istess triq.

Saret ukoll diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq Blat il-Qamar. Intqal li l-karozzi tal-linja mhumiex qegħdin jgħaddu b'mod komdu minn din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jkun ikkunsidrat jekk l-karozzi tal-linja jibdew jgħaddu minn Triq il-Girgenti biex jibqgħu sejrin lejn Triq Dun Manwel Zammit minflok jibqgħu jgħaddu mill-parti ta' Triq Blat il-Qamar li tmiss ma' Triq il-Mitħna.

**333.6 Estimi Finanzjarji għas-sena 2017**

333.6.1 Is-Sindku ressaq il-proposta għall-estimi finanzjarji għas-sena 2017. Is-Sindku spjega li l-estimi finanzjarji huma mibnija fuq il-prinċipju li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jibqa' jopera bla ma jagħmel dejn, filwaqt li jwettaq proġetti ġodda li għalihom il-Kunsill Lokali jkun jista' jikseb ukoll fondi mill-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2017 b'mod unanimu.

**333.7 Żona ta' San Niklaw**

333.7.1 Is-Sindku ppreżenta mozzjoni dwar iż-żona ta' San Niklaw li taqra hekk:

Billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ilu għal numru ta' snin joġġezzjona li fiż-żona ta' San Niklaw fis-Siġġiewi jitħallew isiru żviluppu li jinkludu l-bini ta' 12-il razzett tal-baqar u faċilitajiet oħra marbuta magħhom;

U billi b'sentenza li ngħatat nhar id-19 ta' Ottubru 2016, il-Qorti tal-Appell tat raġun lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi rigward l-oġġezzjonijiet tiegħu għal dan l-iżvilupp propost;

U billi nhar it-2 ta' Frar 2017, it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar iddikjara li l-permess *outline* bin-numru ta' referenza PA 7823/06 kien skada u li għalhekk l-Gvern ma jista' jagħmel l-ebda żvilupp fiż-zona ta' San Niklaw fis-Siġġiewi;

U billi nhar l-1 ta' Ottubru 2015 il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi rriżolva li jistqarr ruħu kontra li fil-konfini tal-lokalità tas-Siġġiewi u b'mod partikolari fiż-zona magħrufa bħala ta' San Niklaw, tintuża xi art pubblika jew privata sabiex jinbnew *track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi;

U billi nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2017 ġie rrapurtat mill-istazzjon nazzjonali (TVM) li f'dan l-istadju l-Gvern qed jeskludi l-possibbilità li t-*track* u faċilitajiet oħra għat-tlielaq tal-karozzi jinbnew fiż-zona tas-San Niklaw fis-Siġġiewi;

U billi z-zona ta' San Niklaw tinsab viċin ħafna tad-Dar tal-Providenza li għal dawn l-aħħar 52 sena offriet ambjent ta' mħabba u li jixbaħ il-familja lill-persuni b'diżabilità;

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn 20 ta' Frar 2017:

1. Jirriżolvi li jitlob lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tirrevedi d-dikjarazzjoni (Avviż Nru 22) li kienet għamlet u li permezz tagħha inkludiet parti biss miz-zona ta' San Niklaw fil-Lista ta' Proprjetà Skedata u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar l-10 ta' Jannar 2012 u dan billi li l-partijiet kollha tal-mitjar u l-fdalijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija li jinsabu fiz-zona ta' San Niklaw fis-Siġġiewi jiġu

nklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata kif ukoll tinħoloq zona transitorja (*buffer zone*) madwar iz-zona ta' San Niklaw b'tali mod li jkun żgurat li l-protezzjoni mogħtija lil din iz-zona tkun waħda effettiva u tkun toffri wkoll ħarsien sħiħ għad-Dar tal-Providenza, ir-residenti u l-ħaddiema tagħha;

2. Jirriżolvi li jitlob lill-Gvern sabiex l-art li tinsab fiz-zona ta' San Niklaw tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u dan bil-għan li l-mitjar u l-fdalijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija jiġu ikkonservati u miftuħa għall-pubbliku kif ukoll sabiex iz-zona kollha tiġi żviluppata f'*park* li jkun jista' jitgawda mill-pubbliku b'mod partikolari l-familji Siġġiwin; u

3. Jirriżolvi li jitlob lill-Gvern sabiex jerġa' jagħti lura t-titolu ta' qbiela lill-bdiewa li kellhom raba' mikri lilhom qabel il-Gvern iddeċieda li jittermina l-kirjiet tar-raba' tagħhom minħabba l-proġett li kien propost li jsir mill-Gvern.

Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tiġi ppubblikata bħal stqarrija għall-mezzi tax-xandir, tintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent, lill-Awtorità tal-Ippjanar, lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, lill-Awtorità tal-Artijiet u lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi.

Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit issekondat din il-mozzjoni u l-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu.

**333.8 Jum is-Siġġiewi 2017**

333.8.1 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li għandhom ifakkru Jum is-Siġġiewi 2017. Ġie maqbul li jsiru dawn l-attivitajiet: il-Ħadd 5 ta' Marzu, quddiesa fl-10.00 a.m. fid-Dar tal-Providenza u fil-11.00 a.m. issir ċ-ċerimonja tal-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi li tkun segwita b'riċeviment. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali jitlob lil Dr Louis Galea sabiex iċ-ċerimonja ssir taħt il-patroċinju distint tiegħu.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-Ħadd 12 ta' Marzu 2017 għandha tiġi organizzata *Sports Day* fi Pjazza San Nikola flimkien ma' ativitajiet oħra fiċ-Ċentru Ċiviku bħal lezzjonijiet ta' tisjir minn Karmen Tedesco. Il-Kunsill qabel ukol li ssir inizjattiva ta' għoti tad-demm fiċ-Ċentru Ċiviku nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**333.9 Proġetti b'fondi mill-Unjoni Ewropea**

333.9.1 Is-Sindku qal li kif kien maqbul fil-laqgħat preċedenti ix-xogħol fuq l-applikazzjonijiet għal-fondi mill-Unjoni Ewropea għal manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ u tisbieħ tal-Knisja l-Qadima u x-*shelters* jinsabu għaddejjin. Il-Kunsill qabel li japplika biex ikunu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ u approva l-lista ta' postijiet skont il-lista li tinsab mehmuża.

Is-Sindku qal ukoll li dwar l-iskema ta' l-għoti ta' wiċċ ġdid lil toroq rurali qed nistennew lid-Dipartiment konċernat biex jinfurmana kif ser titħaddem

din l-iskema biex inkunu nistgħu niffinalizzaw il-lista ta' toroq li l-Kunsill se japlika għalihom.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**333.10 Festa ta' San Nikola 2017**

333.10.1 Is-Sindku qal li wara li ltaqa' l-Forum tal-Għaqdiet nhar it-2 ta' Frar 2017, il-Kunsill kien ser jgħaddi biex jinforma lill-għaqdiet nvoluti fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Nikola li huma għandhom jagħmlu t-talbiet tagħhom għall-permessi u *no objections* mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017. Is-Sindku spjega li dan għandu jsir biex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili għal dawk li żviluppaw fil-ġimgħat ta' qabel il-festa tas-sena li għaddiet.

Is-Sindku għalhekk ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jipproċessa biss talba b'rabta mal-Festa ta' San Nikola 2017 li jkunu wasslu l-Kunsill sal-31 ta' Marzu 2017. Kull talba li tidħol wara din id-data ma tkunx aċċettata.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**333.11 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2016**

333.11.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq ir-rapport finanzjarju b'rabta mar-raba' kwart tas-sena 2016. Minn dan ir-rapport jirrizulta li fl-aħħar kwart tas-sena 2016 kien hemm *surplus* ta' €39,728. Il-Kunsill approva r-rapport b'mod unanimu.

**333.12 Ħatra ta' *Opening Staff* għas-sejħiet t'offerti**

333.12.1 Is-Sindku ppropona li l-impjegati tal-Kunsill Lokali, is-Sinj. Ritienne Giorgino u s-Sinj. Maria Muscat jinħatru biex iservu ta' *opening staff* għas-sejħiet ta' offerti diġà maħruġa u dawk li għad iridu jinħarġu matul is-sena 2017.

Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**333.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

333.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**333.14 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

333.14.1 Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit infurmat lill-Kunsill dwar il-korsijiet li se jsiru fil-lingwa Maltija u dik Inglia bħala parti mill-proġett kontra l-illiterimu. L-applikazzjonijiet għal dawn il-korsijiet qed jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali sa nhar it-2 ta' Marzu 2017. Il-Viċi Sindku qalet ukoll li l-Kunsill ingħata €1,000 biex jinxtara *interactive white board* għall-korsijiet li jsiru fis-sala bħala parti mill-programm *Life Long Learning*.

Il-Kunsillier Julian Borg tkellem dwar il-bżonn li Triq Lapsi ma' Triq l-Imqabba issir *no entry* bl-eċċezzjoni għar-residenti li joqgħodu f'dik it-triq jew biex jingħata servizz. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir l-applikazzjoni f'dan is-sens lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Jullian Borg tkellem ukoll dwar il-proposta li ssir *roundabout* fi Triq Lapsi. Il-Kunsill qabel li tintbagħat applikazzjoni lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar problema fi Triq Pawlu Aquilina fejn karozzi qed jostakolaw il-ħruġ u d-dħul ta' karozzi oħra minn *garaxx*. Hu semma wkoll il-problema ta' trabijiet li qed ikun hemm fi Triq In-Nirien.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar tkellem dwar il-bżonn li jsir *motorcycle bay* fi Triq ta' Brandin.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar tkellem dwar il-proġett Naqsam il-Muża li qed jieħu ħsieb flimkien mal-Kunsill Malti għal-Kultura u l-Arti. Għaxar persuni mis-Siġġiewi se jieħdu sehem f'dan il-proġett kulturali li għandu jara installazzjonijiet letterarji mxerda f'postijiet ta' rikreazzjoni madwar il-lokalità.

Is-Sindku Karol Aquilina tkellem dwar ilmenti li rċieva fir-rigward ta' Triq San Nikola u Triq tan-Nofs peress li vetturi li jkunu jridu jiddaħħlu f'garaxxijiet fi Triq tan-Nofs ma jkunux jistgħu iduru minn Triq San Nikola għal Triq tan-Nofs. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex it-tabella *one way* li hemm fit-tarf ta' Triq San Nikola fil-parti li hija viċin tal-Knisja Arċipretali tkun tindika wkoll "*Except for residents*" bħal ma hu l-każ ta' Triq id-Dejqa fil-parti li tmiss ma' Triq San Nikola. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 333.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

333.15.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.45 p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2017.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv